**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Maximilian Ciantar**

**Kumpilazzjoni Numru: 638/14**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Maximilian Ciantar detentur tal-karta tal-identita` numru 75690M akkuzat talli nhar it-08 ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu gewwa dawn il-gzejjer:-

1. waqt li kien qieghed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBW-786 ghad-dannu ta' Joseph Catania u/jew persuna jew persuni ohra u kif ukoll fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni HAB-779 ghad-dannu ta' Karmenu D'Amato u/jew persuna jew persuni ohra liema hsarat komplessivament jiskorru mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69), **bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li

jaghti il-partikularitajiet u dettalji ohra tal-vettura li kien qieghed isuq, meta kien involut f'incident tat-traffiku li jinvolvi hsara lil xi vettura ohra u cioe' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DBW-786 u kif ukoll vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni HAB-779, u/jew naqas li jinforma lill-Gwardjani Lokali jew lill-Pulizija dwar dan l-incident, **bi ksur tal-Art. 67 tal-L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont; **bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65**;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-gimghat ta' qabel saq vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201 matul il-perjodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan, **bi ksur tal-Art. 59 tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta**;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-gimghat ta' qabel saq vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura, **bi ksur tal-Art. 15(1) tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta**;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-gimghat ta' qabel saq vettura bil-mutur tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR-201 minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni, **bi ksur tal-Art. 3 tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta**;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied; **bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

8. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali,

l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika; **bi ksur tal-Art. 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

9. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija banda ohra f'dan il-Kodici lil Anisia Catania u lil Joseph Catania, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; **bi ksur tal-Art. 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

10. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghotija lilu fl-1 ta' Frar, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**U aktar talli fl-istess data ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija gewwa l-Isptar Mater Dei sitwat gewwa il-Pieta':-**

11. waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi; **bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

12. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied; **bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi tiskwalifika lil Maximilian Ciantar milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-karrozza tal-imputat u zewg karrozzi ghad-dannu ta' Karmenu D'Amato u Joseph Catania;

Illi mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** ghan-nom tat-Transport Malta rrizulta illi l-vettura li kien qed isuq l-imputat u cioe'

Renault Megane tal-kulur griz u bin-numru ta' registrazzjoni JBR 201 kienet irregistrata f'isem Maria Diane Ciantar. Illi l-licenzja tal-imputat jirrizulta illi kienet dik li seta' jsuq karrozzi zghar u cioe' kategorija B, izda li hu kien gie skwalifikat erba' darbiet li jsuq bejn it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar elfejn u tmienja (2008) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' April elfejn u tmienja (2008); kif ukoll bejn l-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u sebgha (2007) u t-tletin (30) ta' April elfejn u disgha (2009); ukoll bejn il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) u t-tlieta u ghoxrin (23) ta' April elfejn u tnax (2012) u finalment bejn is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u erbatax u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu elfejn u hmistax (2015). Illi gie kkonfermat ukoll mix-xhud illi l-vetturi Ford Fiesta HAB 779 hija rregistrata fuq Carmel D'Amato.

Xehed wiehed mill-parte civile <u>**Joseph Catania**</u> li qal illi dakinhar tat-tmienja (8) ta' Lulju kellu incident awtomibilistiku mal-imputat fejn dan kien gej mid-direzzjoni tal-Belt u kif kien ghaddej laqatlu l-mera tal-vettura tieghu tal-marka Toyota. Huwa jghid illi t-tifla tieghu harget sabiex tara x'gara

u fil-pront gie lura l-imputat u hemmhekk bdew jitlewwmu. Wara l-imputat rega' dahal fil-karrozza tieghu irriversja ghal fuq il-karrozza ta' Catania u telaq 'l hemm. Huwa qal ukoll illi missier l-imputat offrielu li jhallaslu l-hsarat kollha.

Xehdet ukoll **Anisia Catania** li xehdet li dakinhar tal-incident kienet ma' missierha fil-karrozza meta saret il-habta. Din ikkonfermat *in toto* dak li kien qal missierha u ziedet tghid illi dakinhar kien hemm vettura ohra nvoluta fl-incident meta l-imputat irriversja ghal fuqhom.

Xehed ukoll **Anthony Callus** li qal testwalment fuq l-agir tal-imputat li gharfu fl-awla:

> *"Jiena kont ghaddej minn Zerafa Street, qsamt u rajt gej wiehed b'karozza u kif rajtu qed isuq daqsxejn iktar min-normali nghidlu jiena, ghidt dan mhux se jasal sal-kantuniera, fil-fatt lanqas wasal minn hawn u l-hajt. Laqat ragel iehor bil-karrozza u tajjarlu l-mera u kien ha jiqba sejjer. It-tifla ta' dak li kien qieghed isuq*

*harget tghajjat, dan irriversja, gie hdejjha u beda jghajjat u kien ha jahbat ghaliha u ghal missierha u kien hemm jien u kien hemm ragel iehor ippruvajna nferrquhom, x'hin fettillu dahal gol-karrozza u rriversja u dahal go fiha b'sahha sewwa eh, jigifieri l-ewwel darba hadha hekk u t-tieni darba rriversja, ha nuza l-kelma volontarjament ghal go fiha.*

*. . . deher li kellu certa rabja u ma tohrogx bir-reverse meta int trid tmur lil hemm titfa reverse u ssuq kemm Alla halaq b'sahtek, ghalhekk qed nahseb li volontarjament".*

Xehed ukoll **<u>Carmel D'Amato</u>** li kien fuq il-post tal-incident u fejn qal illi meta gie biex jirriversja l-imputat dahal ukoll fil-karozza tieghu. Dan qal illi lill-imputat ma kienx jafu qabel izda jaf lil missieru li jghidulu ta' *Chalie l-Boxer* izda dan xorta wahda gharaf lill-imputat li kien qed isuq il-karrozza li laqtitu.

Ix-xhud Josef D'Amato kkonferma dak li kien qal in-nannu tieghu Carmel D'Amato peress li kien mieghu.

Rat ir-rapport tas-Surgent PS 36 Sergio Azzopardi li jinkludi serje ta' ritratti tal-vetturi mertu ta' dan l-incident;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta' Jannar elfejn u tnax (2012) per Magistrat Jacqueline Padovani Grima (Dok. JB2) u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali datat sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) per Imhallef David Scicluna (Dok. JB3) fejn l-ewwel sentenza giet ikkonfermata *in toto* u ghalhekk is-sospensjoni tal-licenzja tal-imputat ghall-perjodu ta' sena kienet bdiet tiddekorri minn din id-data;

Illi rat id-digriet ta' din il-Qorti datat tletin (30) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) fejn gie ordnat ir-rilaxx tal-vettura mertu ta' dawn il-proceduri (fol. 144);

Rat ir-rapport mahluf ta' **PC 1331 Darren Debattista** li jinkludi sett ta' ritratti tal-vettura mertu tal-proceduri odjerni (fol. 163);

Semghet bil-gurament illi **Carmel Mifsud** li hu *panel beater* li sewwa l-vettura Toyota u li kkonferma illi kien hallas ghall-ispejjez missier l-imputat u cioe' Emanuel Ciantar;

Semghet ukoll lil **PC 352 Keith Borg** fejn ikkonferma li dakinhar tal-incident kien stazzjonat fl-emergenza Mater Dei u ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.) assista lil PC 1469 li kien qed jeskorta lill-imputat peress li kien sema' xi ghajjat u dagha min-naha tieghu u dan ried ukoll jitlaq. Dan gie kkonfermat mill-iskorta tal-imputat u cioe' **PC 1469 Emerson Borg**.

Membri tal-RIU u cioe' **PC 1148 Adrian Zahra** u **PC 1138 Andrei Spiteri** xehdu illi marru fuq il-post ta' fejn kien qieghed l-imputat gewwa Mater Dei wara telefonata ghall-assistenza u meta marru hemm sabu lill-imputat barra agitat u meta dan ra

li wiehed mill-ufficjali kellu *taser* f'idejh beda joffendih u jheddu. F'dak il-mument jghidu illi raw lill-imputat kien ser jipprova jhebb ghalihom u huma minnufih immanettjawh anke jekk dan irrezistihom tant li kellhom jimmanettjawh mal-art.

Semghet lill-*Probation Officer* tal-imputat u cioe' **Maryrose Farrugia** li kkonfermat li l-imputat Maximilian Ciantar kien ilu jtiha *urines clean* u dan l-ahhar senjatament wara li kienet twilditlu tarbija huwa kien qed jaghmel mohhu hemm. Hija tghid ukoll illi dakinhar tal-incident hija rat lill-imputat fejn kienet irreferietu ghand tabib u li dan kien qalilha li kien OD izda l-imputat qalilha li huwa kellu *relapse* peress li kellu xi problemi mat-tfajla teighu. Izda wara li giet riprodotta l-istess Farrugia hija xehdet illi l-imputat ma kienx qed jikkomunika aktar maghha u ghalhekk tilfet il-kuntatt kollu mieghu;

Semghet ukoll lit-tabib **Dr. Jonathan Joslin** li jghid illi l-imputat kien gie riferut lilu mit-tabib tad-Detox Dr. George Grech peress li kellu *opiate heroin overdose*. Huwa jghid illi kellem lill-imputat li kien qed jirrispondi u li kien ikkonfermalu li kien

ha d-droga izda li hassu tajjeb u li ried jitlaq id-dar tieghu. Fil-fatt telaq kontra l-parir tat-tabib. Ix-xhud esebixxa n-noti tal-isptar li dawn gew immarkati bhala Dokument JJ1.

Rega' nstema l-Ufficjal Prosekutur u cioe' **l-Ispettur Robert Vella** fejn esebixxa digriet tal-Qorti tal-Appell per Imhallef David Scicluna (Dok. RV18) fejn l-appell tal-imputat Maximilian Ciantar gie dikjarat dezert;

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 224 tal-process (Dok. CM1) fejn gie kkonfermat illi l-parte civile thallsu minghand l-imputat.

Semghet ukoll il-Psikologa **Mariella Dimech** li kienet ghal xi zmien issegwi lill-imputat minhabba l-problemi anke familjari li ghandu u rrakomandat illi l-imputat jibbenifika hafna jekk huwa jsegwi programm residenzjali kontra d-droga idejalment minn post restrittiv bhal ma hu l-habs;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Maximilian Ciantar huwa akkuzat fost l-ohrajn talli garrab danni f'zewg vetturi a dannu ta' Joseph Catania u Karmenu D'Amato. Illi rrizulta li tali danni gew kollha mhallsa minn missier l-imputat u ghalhekk f'dan is-sens l-akkuzi rigwardanti d-danni gew ezawriti;

Illi l-imputat pero' huwa akkuzat ukoll illi huwa saq il-karrozza JBR 201 dakinhar tal-incident b'mod traskurat u/jew perikoluz.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Frar elfejn u sebgha (2007), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghallproprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha*

*tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina,*

*20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi minghajr l-ebda ombra ta' dubju, jekk din il-Qorti tikkoncedi li l-ewwel habta kienet b'mod accidentali u cioe' li xi karrozza harget aktar il-barra u ghalhekk intmessu l-mirja, pero' ma tistax tikkoncedi l-fatt li l-imputat b'mod aggressiv dahal fil-karrozza tieghu wara li kien iggieled ma' Catania u dahal bir-*reverse* ghal gol-karrozza tieghu biex b'hekk ikkawza danni lill-karrozza ta' Catania stess u anke ta' Karmenu D'Amato biex imbaghad telaq b'certa velocita' lil hemm minflok ma qaghad fuq il-post tal-incident kif kien rikjest mil-ligi li jaghmel. Illi dan certament jikkostitwixxi sewqan traskurat kif ukoll perikoluz.

Dan l-agir vjolenti hareg kollu mid-depozizzjonijiet li taw il-parte civile kif ukoll mill-persuni li kienu fuq il-post fejn l-imputat hareg mill-vettura tieghu joffendi lil Joseph u Anisia

Catania. Illi din il-Qorti ma temminx il-verzjoni tad-difiza li l-imputat irriversja bi zball ghaliex l-atteggjament tieghu fuq il-post tal-incident kien wiehed univoku.

Illi ghandu jinghad pero' illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-fatt illi l-imputat kien qed isuq anke qabel id-data ta' dan l-incident.

Illi a rigward l-ilment principali tad-difiza u cioe' tal-licenzja tas-sewqan u tal-fatt jekk kinitx fil-fatt sospiza o meno dakinhar tat-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) din il-Qorti tikkontendi illi wara ezami tas-sentenzi esebiti a fol. 213 *et seq* (Dok. RV18 u Dok. RV19) taqbel mal-prosekuzzjoni fis-sens illi tali licenzja kienet fil-fatt giet sospiza *ex lege* wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) fejn l-Imhallef David Scicluna ddecieda fuq appell tal-Avukat Generali fost l-ohrajn li jikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn kienet giet inflitta s-sospensjoni tal-licenzja u l-piena inflitta.

Illi huwa minnu illi l-appell maghmul mill-imputat x'aktarx fuq l-istess sentenza kien gie dikjarat dezert mill-istess Qorti tal-Appell fl-istess jum izda tali sospensjoni kienet regghet bdiet tiddekorri meta gie deciz l-appell li kien interpona l-Avukat Generali u l-Awtorita' tat-Trasport ma kellhiex ghalhekk ghalfejn li tipprezenta l-ebda rikors dwar dan il-mertu. Dan qed jinghad ghaliex ukoll illi d-difiza ma ppruvatx il-linja difensiva taghha bl-ahjar mod izda b'semplici suppozizzjonijiet billi semplicement ipprezentat il-verbal tal-Qorti tal-Appell fejn dan l-appell gie dezert izda minghajr ma ppruvat illi dan il-verbal japplika ghal dik is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li fil-fatt kienu qed jirreferu ghaliha d-difiza. Ulterjorment ma giex ippruvat hekk kif jistipula l-Artikolu 60 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jekk l-imputat weriex intenzjoni specifika li ried jappella f'dawk il-proceduri. Illi dan kollu kien jinkombi fuq id-difiza u mhux fuq il-prosekuzzjoni.

Illi a rigward l-akkuzi rigwardanti l-agir tal-imputat fl-isptar Mater Dei aktar tard dik il-gurnata jinghad illi wara li semghet l-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li l-imputat ma kienx koperattiv

xejn maghhom tant li bl-aggressivita' tieghu anke verbali, huma kellhom imedduh mal-art sabiex jimmanettjawh.

Illi finalment gie ppruvat ukoll mis-sentenzi pprezentati li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 56 *et seq)* u fil-fatt kiser ukoll il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) (Dok. RV15).

A rigward il-polza tal-assigurazzjoni din il-Qorti taqbel mad-difiza li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhomx jippruvaw dan.

Illi finalment u a rigward il-piena li ser tigi nflitta, din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghall-fatt li l-imputat huwa persuna imprevedibbli li llum huwa tajjeb u mbaghad l-ghada huwa persuna kompletament differenti tant li ma jistax ikun ta' detriment ghalih innifsu izda wisq anqas ma' persuni ohra u dan l-agir sfortunatament jirrifletti fuq il-mod ta' kif isuq. Illi din il-Qorti setghet tikkonsidra dan l-agir anke tul it-trapass

ta' dawn il-proceduri li f'hin minnhom kien qisu sejjer tajjeb mal-Probation Officer u mal-Psikologa izda wara xi zmien dan ma baqax konsistenti maghhom u rega' lura hazin.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha semmiet kemm il-prosekuzzjoni nefhet dan il-kaz billi ressqet lill-imputat taht arrest u kemm din il-Qorti diga' taghtu l-piena tieghu qabel ma ddecidiet billi fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ipprojbietlu li jsuq. Illi din il-Qorti b'responsabbilita' kbira tteni li allahares ma sarx hekk ghaliex kemm huwa veru li l-incident wahdu kien wiehed pjuttost trivjali, izda meta tghaqqdu mal-elementi l-ohra kollha jiehu dimensjoni kbira hafna.

Illi bir-rispett kollu l-imputat ghandu jsolvi darba ghal dejjem il-problemi socjali u familjari tieghu billi jiehu kura adegwata kif ukoll jikkura d-dipendenza tieghu fuq id-drogi bi programm appozitu. Dan jista' jsir biss jekk l-imputat ikun taht sorveljanza u ghalhekk ser tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 67 tal-L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15 (1), 1(a),(2),(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17, 49, 50, 338 (ee) u 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Maximilian Ciantar hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza peress li hija assorbita fir-raba' (4) akkuza, is-seba' (7), id-disa' (9) u t-tnax (12) il-akkuza peress li huma assorbiti fl-akkuzi l-ohra u l-hdax (11) il-akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija filwaqt li ssibu hati wkoll ghall-ghaxar (10) akkuza, wara li rat l-Artikolu 251 (1) applikabbli fis-sena elfejn u tnax (2012), l-Artikoli 338 (bb), 342, 338 (ee) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A jigu sospizi ghal sena. L-imputat mhux qed jinstab hati tas-sitt (6) u t-tmien (8) akkuzi stante li ma gewx ippruvati u tiddikjara Procediment Esawrit tal-ewwel (1) akkuza stante rinunzja tal-parte civile stante hlas tad-danni.

L-imputat Maximilian Ciantar qieghed ukoll jigi skwalifikat mil-licenzja tas sewqan ghal zmien sentejn (2) dekorribbli minn nofs il-lejl tal-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imputat Maximilian Ciantar jitqieghed taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sena (1) dekorribbli mil-lum u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**